



Brussell, 18 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11429/22

HYBRID 81	DATAPROTECT 225
DISINFO 65	JAI 1049
CSDP/PSDC 482	CYBER 273
COPS 363	FREMP 159
POLMIL 179	JAIEX 80
IPCR 85	AUDIO 71
RELEX 1032	DIGIT 144
INST 278	INF 130
AG 92	COSI 203
PE 85	PROCIV 102

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 11173/22

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Manipulazzjoni tal-Infurmazzjoni u l-Interferenza minn Barranin (FIMI)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Manipulazzjoni tal-Infurmazzjoni u l-Interferenza minn Barranin (FIMI), kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Lulju 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Manipulazzjoni tal-Infommazzjoni u l-Interferenza minn Barranin (FIMI)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. Ifakkar fil-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill Ewropew¹ u tal-Kunsill². **Ifakkar** li l-Istati Membri esprimew id-determinazzjoni tagħhom fil-Boxxla Strateġika dwar is-Sigurtà u d-Difiża biex isaħħu b'mod sostanzjali r-reżiljenza u l-kapaċità tagħhom li jipprevjenu, jidentifikaw, jimmitigaw u jiġġieldu t-theddid ibridu, l-attakki ċibernetiċi u l-FIMI, anke b'appoġġ għall-pajjiżi sħab. Ifakkar fil-hteġa li jinholq Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu li jiġbor flimkien strumenti differenti biex jidentifikaw u jirrispondu għal firxa wiesgħa ta' theddid u kampanji ibridi u, f'dan il-kuntest, ser jiżviluppaw sett ta' għodod apposta biex jindirizzaw il-FIMI³. Ifakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2022, li tennew li s-Sett ta' Għodod FIMI ser isaħħaħ il-kapaċità tagħna li nidentifikaw, nanalizzaw u nirreaġixxu għat-theddid, inkluż billi jiġu imposti spejjeż fuq l-awturi⁴.
2. Jissottolinja li l-FIMI spiss tintuża bħala parti minn kampanji ibridi usa' u, fost l-oħrajn, għandha l-għan li tiżgwida, tqarra u tiddestabbilizza s-soċjetajiet demokratiċi tagħna, toħloq u tisfrutta l-frizzjonijiet kulturali u soċjetali, kif ukoll taffettwa b'mod negattiv il-kapaċità tagħna li mmexxu l-politika barranija u ta' sigurtà. **Jenfasizza** li l-użu strateġiku u koordinat tal-manipulazzjoni tal-infommazzjoni u l-interferenza mir-Russja li ppreċeda u li jakkumpanja l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna juri fid-dettall din it-theddida multidimensjonali bl-impatt konkret tagħha fuq diversi oqsma ta' politika interna u esterna. B'mod partikolari, rajna l-effetti tal-FIMI, kif din taffettwa l-għanijiet tal-PESK/PSDK tagħna u timpedixxi l-oġettivi u l-interessi tagħna, fost l-oħrajn is-sigurtà globali tal-ikel. Itenni li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ser iżidu l-isforzi tagħhom biex

¹ B'mod partikolari, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Mejju 2022, Diċembru 2021, Ottubru 2021, Ġunju 2019.

² B'mod partikolari, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Qafas għal reazzjoni koordinata tal-UE għal kampanji ibridi Ġunju 2022 (ST 10016/22), il-konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu, inkluż id-dizinfommazzjoni fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 (ST 13626/20), il-konklużjonijiet dwar sforzi komplementari għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu (ST 14972/19), u l-konklużjonijiet dwar ir-Rapport Speċjali Nru 09/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Id-dizinfommazzjoni taffettwa lill-UE: qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata (ST 10968/21).

³ Boxxla Strateġika.

⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Qafas għal reazzjoni koordinata tal-UE għal kampanji ibridi Ġunju 2022 (ST 10016/22).

jilhq pajjiżi terzi sabiex jappoġġaw lill-Ukrajna f'dimensjonijiet miftehma u jiġġieldu n-narrattiva falza u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni mir-Russja⁵.

Jenfasizza li t-tattiki, it-tekniki u l-proċeduri tal-FIMI idgħajfu l-fiduċja fil-mezzi tax-xandir u jirriskjaw li jikkompromettu r-rwol vitali ta' dibattitu pubbliku ħieles għad-demokrazija u l-funzjonament b'saħħtu tas-soċjetà ċivili. Jissottolinja li tali mġieba tista' tiġi osservata fl-attivitajiet ta' atturi statali u mhux statali barranin, persistenti kif ukoll emerġenti li jippruvaw jikkompromettu d-demokraziji, jgħawwġu d-diskors ċiviku u jdgħajfu l-kritika.

3. Jilqa' l-isforzi li għaddejjin mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni Ewropea fl-iżvilupp ta' Sett ta' Għodod tal-UE kontra l-FIMI. Dan għandu jipproponi użu aktar sistematiku tal-firxa sħiħa ta' għodod disponibbli, bħall-għarfien tas-sitwazzjoni, fost l-oħrajn permezz tas-Sistema ta' Twissija Bikrija, il-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence, b'mod partikolari ċ-Ċellola ta' Fużjoni Kontra t-Theddid Ibridu tagħha, ir-reżiljenza u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet, ir-risponsi regolatorji u diplomatiċi. Dawn jinkludu wkoll kooperazzjoni msaħħa kemm fl-UE u b'appoġġ għall-pajjiżi sħab, kif ukoll fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tagħna tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni. Itenni li l-Qafas għal rispons koordinat għal kampanji ibridi, kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2022⁶, għandu jintuża wkoll biex jindirizza l-FIMI. Jinnota li r-responsabbiltà primarja għall-ġlieda kontra l-FIMI, inkluż fil-kuntest ta' kampanji ibridi usa', hija tal-Istati Membri.

⁵Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar l-Ukrajna, 30 ta' Mejju 2022.

⁶ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Qafas għal reazzjoni koordinata tal-UE għal kampanji ibridi Ġunju 2022 (ST 10016/22).

4. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni, bl-involviment sħiħ tal-Istati Membri, biex jellaboraw approċċi mfassla apposta biex jiżdied l-impenn tal-UE fil-livell multilaterali ma' u fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħra, f'konformità mal-Boxxla Strateġika, b'rispett tal-qafas istituzzjonali tal-UE, u biex jaħdmu lejn l-iżvilupp ta' prinċipji internazzjonali dwar id-diżinformazzjoni u l-FIMI b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u b'enfasi qawwija kontinwa fuq il-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni, il-media indipendenti, u l-protezzjoni u s-sikurezza tal-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn l-isforzi jenħtieġ li jsiru, meta u fejn xieraq, f'kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma, is-soċjetà ċivili u s-settur privat, inklużi pjattaformi online, filwaqt li jitqiesu wkoll il-prinċipji previsti fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni rivedut.
5. Jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' reżiljenza u l-kooperazzjoni tagħna kemm fl-UE kif ukoll fil-qafas tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK tagħna u b'appoġġ għall-pajjiżi sħab; Itenni li, sal-2024, il-missjoni u l-operazzjonijiet kollha tal-PSDK ser ikunu mgħammra bis-sħiħ b'kapaċitajiet u riżorsi biex jiġu applikati l-istrumenti rilevanti tas-sett ta' għodod tal-FIMI; Jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma, bħan-NATO, il-G7 kif ukoll is-soċjetà ċivili u s-settur privat u li jiżdiedu l-isforzi fil-qafas tan-NU.

6. Jappella għal involviment imsaħħaħ tad-Delegazzjonijiet tal-UE u n-network diplomatiku tal-Istati Membri madwar il-viċinat tal-UE u lil hinn minnu, għall-kondiviżjoni tal-għarfien dwar l-attivitajiet tal-FIMI kif ukoll ir-rispons għat-theddida, inkluż permezz ta' komunikazzjonijiet strateġiċi. Jilqa' l-ħidma li saret minn StratCom tas-SEAE u t-task forces tagħha f'dan ir-rigward.

Itenni L-Appell lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jippreżentaw għażliet, b'rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, għal miżuri definiti sew li jistgħu jittieħdu kontra l-atturi tal-FIMI meta dan ikun meħtieġ biex jiġu protetti l-ordni pubbliku u s-sigurtà tal-UE⁷.

⁷ Ibid.